
CLARE AZZOPARDI
kważi il-każ kollu tal-Aħwa
DE MOLIZZ

Dan huwa ktieb mhux tas-soltu.

Barra li għandu storja li ssammrek u ma tħallikx titilqu minn idejk qabel taqra sal-aħħar paġna, huwa ppreżentat b'mod tassew oriġinali.

Il-ktieb li qed nitkellem fuqu huwa:
'Il-Każ Kważi kollu tal-Aħwa De Molizz'

L-awtriċi hija Clare Azzopardi.

L-ewwel dettall ħelu u tassew partikolari huwa t-titlu kif jidher fuq il-qoxra tal-ktieb



Saver De Molizz u ħuh Klawdjo ma jħobbux l-iskola u l-anqas lit-tfal.

Missierhom, meta kien għadu ħaj, kien il-fundatur tal-FATRAS.

Ix-xogħol tiegħu kien li jwaqqa’ l-iskejjel koroh u jerġa’ jibnihom u jagħmilhom isbaħ. It-tfal tiegħu komplew imexxu l-Fondazzjoni FATRAS imma minflok kienu jwaqqgħu l-iskejjel u qatt ma kienu jerġgħu jibnuhom.

L-ewwel skola li waqqgħu kienet: Ħ.A. Ninu De Molizz fir-raħal ta' Frulli Frilli ( imsemmiha għal missierhom ) Meta t-tfal ta' din l-iskola indunaw li Saver u Klawdjo ma kinux ħa jerġgħu jibnu l-iskola tagħhom marru jattakkawhom.Wara ftit Saver u Klawdjo ma baqgħux jidhru fir-raħal ta' Frulli Frilli.

Roberta Fava

1Coral

Ms.Cachia




8 ta' Novembru.